**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 /4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 75

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 75 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 22 ta' Frar 2024, fil-5:30 pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 14 ta'Frar, 2024
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużati

- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**75.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsilliera Paul Bugeja u Anthony Attard.

**75.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (73, 74)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti laqgħa 73, 74 bil-Viċi Sindku Carlos Zarb jissekonda l-mozzjoni. Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**75.3 Punti mill-Minuti**

**Ftehim – Parkeġġ Kulleġġ Maria Reġina, Qawra**

Minkejja li l-kunsill ilu jibgħat diversi korrispondenza minn Novembru 2023, id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni naqas milli jibgħat il-kontra-proposta tiegħu.

**75.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- **Stedina minn Oroslavje**

  Is-Sindku Alfred Grima rċieva stedina mingħand il-Kunsill Lokali ta' Oroslavje biex jattendi għall-ftuħ ta' binja sportiva. Is-Sindku ħass li minfloku għandhom jitelgħu membri oħra tal-kunsill. Ġie approvat li f'din l-okkażżjoni l-Kunsilliera Anne Fenech u Alfred Bray jirrappreżentaw lill-kunsill u li jiġu mħallsa l-akomodazzjoni u l-biljetti ta' l-ajru mill-kunsill.

- **Funerali – Ħruġ ta' permess mhux skond il-liġi Ref 55/9161/15/ODG**

  Ġiet ippreżentata ittra datata 11 ta' Jannar 2016, li titratta permess maħruġ mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, li permezz tagħha tawtorizża biex parti minn triq il-Parroċċa tingħalaq minn terzi persuni mingħajr ebda avviżż kull meta jkun hemm funeral.

  Ġie stabbilit, li l-ittra, indirizzata *To whom it may concern* ma timxiex pari passu mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04 dwar attivitajiet li jeħtieġu permess tal-Kunsill Lokali. Toħloq problemi f'każ li l-kunsill ikun diġa ħareġ permessi fl-istess triq u/jew inħawi.

  Il-kunsill irriafferma l-qbil tiegħu li t-triq tibqa tiġi magħluqa waqt il-funerali bl-istess kundizzjonijiet biss jiżdid li jeħtieġ li jibda jintalab permess mill-kunsill f'kull każ.

- **Garaxx Triq J.Quintinus ref 2042404 - Latrina Pubblika Pjazza Buġibba ref 2012907**

  21 ta' Frar 2023 - Inkitbet ittra lill-Awtorita ta' l-Artijiet biex isir magħruf jekk il-kunsill huwiex eleġibli li jibbenifika mill-iskema ta' sussidju fuq il-kirjiet.

- **Bust dedikat lil-Patri Elija Vella**

  DN00072/2024 ġie approvat fid-19 ta' Frar 2024. Sit maqbul mill-kunsill, fi Triq San Ġeraldu fil-belvedere tat-Torri Wignacourt. Il-pedestal ta' taħt il-bust li se jkun magħmul mill-ġebel taż-żonqor se jiġi jiswa €1,350.00 + Vat bil-kitba mhux inkluż. Kien approvat li tinġib stima biex isir il-ħadid.

- **Monument Freddie Portelli**

  DN00073/2024 ġie approvat fil-21 ta' Frar 2024. Sit maqbul mill-kunsill jinsab fi Triq San Ġeraldu taħt Triq il-Knisja.

- **Soċjeta' Mużikali San Pawl ta' San Pawl il-Baħar**

  Is-Soċjeta nfurmat li se tmexxi Ċentru Soċjali u Mużikali fil-Qawra u li 21 ta' Marzu 2024, fis-7:00 pm ser tagħmel Kunċert tal-Ġimgħa l-Kbira fl-istess Parroċċa.

- **Slaleb Kumitat Festa**

  Il-Kumitat Festa staqsa jekk il-kunsill jistax jgħati kontribut finanzjarju għall-kiri ta’ 10 slaleb jixhelu b’tul ta’ 1.5 metru biex jiddendlu mal-ventijiet eżistenti tal-pavaljuni tal-festa fi’ Triq San Pawl fiz-zmien il-Ġimgħa l-kbira. L-istima għal kiri tagħhom inkluż tqegħid hi €900.00.

  Il-kunsill qabel nem.con li la l-finanzi jippermettu għandu jikkolobora ma l-NGO inkwistjoni sabiex il-kultura maltija tiġi ppreservata.

- **Restawr tat-Torri Wignacourt**

  Il-kunsill approva nem.con ħlas ta’ €507.40 għal xogħol ta’restaw tat-Torri Wignacourt.

- **Premju MARA**

  Il-kunsill irċieva nominazzjoni waħda ta’ persuna li jisimha jibda b’inizzjali M.E u qabel li jagħti l-appoġġ tiegħu għan-nomina.

- **Triq skedata bejn Triq Katarina Vitale u Triq Piscopo**

  Is-Sindku Alfred Grima nforma, li minkejja li 2 ta’ Frar 2024 hu kiteb lill-Awtorita ta’ l-Ippjanar (ref:CM 231/24) biex tassisti ħalli triq skedata bejn Triq Katarina Vitale u Triq Piscopo tinfetaħ għat-traffiku mill-aktar fis possibbli baqa bla risposta. B’dak propost jiġi eliminat perikolu u konfużżjoni kkawżat bil-proġett massiċ ta’ l-ex Mista Village. Informa ukoll li se jkun jiltaqa personalment mas-sidien biex possibilment tinstab soluzzjoni.

- **Ġbid ta’film – Xemxija Heritage Trail**

  15 u 16 ta’ Marzu 2024 – Il-kunsill approva rikjesta biex tinġibed xena minn film fiż-żona tal-Beehives b’donazzjoni ta’ €400.

**75.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**75.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

***75.6.1 Quarterly Financial Report 4, January - Diċembru 2023***

L-accountant tal-kunsill spjegat ir-rapport u wieġbet mistoqsijiet li tressqu mill-kunsilliera. Il-kunsill approva nem con ir-rapport kif tressaq. Il-mozzjoni tressqet mill-Viċi Sindku Carlos Zarb u ġiet issekondata mis-Sindku Alfred Grima.

***75.6.2 Financial Statement 2023***

L-accountant tal-kunsill spjegat ir-rapport u wieġbet mistoqsijiet li tressqu mill-kunsilliera. Il-kunsill approva nem con ir-rapport kif tressaq. Il-mozzjoni tressqet mill-Kunsillier Anthony Delia u ġiet issekondata mis-Sindku Alfred Grima.

***75.6.3 Tender SPBT/02/2023 Professional service of a Qualified Accountant***

Sal-ħin l-għeluq tad-data stipulata daħlu 3 offerti. Il-Bord irrakomanda li l-offerta tingħata lil persuna bl-inizjali A.V li kellu l-irħas offerta b’valur ta’€23,500.

Il-kunsill approva nem.con dak irrakomandat bil-mozzjoni titressaq mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina.

. *75.6.4 SPB T/02/2020 – Tender Non Urban Grass Cutting*

Wara bosta problemi l-proċess tkompla u saret it-tieni evalwazzjoni bejn żewġ offerti skond id-deċiżżjoni meħuda mill-Qorti. Il-Bord irrakomanda li l-offerta tingħata lil Galea Cleaning Solution li kellu offerta b'valur ta'€0.89 per l/m.

Il-kunsill approva nem.con dak irrakomandat bil-mozzjoni titressaq mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.

*75.6.5 Tender SPB T/01/2024 Supply and delivery of two battery operated vacuum cleaners including maintenance agreement*

Sal-ħin l-għeluq tad-data stipulata daħlu 2 offerti. Il-Bord irrakomanda li l-offerta tingħata lill-kumpanija Bonniċi Stores li kella l-irħas offerta b'valur ta' €41,120.

Il-kunsill approva nem.con dak irrakomandat bil-mozzjoni titressaq mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni.

*75.6.6 Tender SPB T/03/2023 Supply, maintenance of traffic signs & road markings.*

Is-Sindku nforma li l-Bord ta' l-Aġudikazzjoni leħqu aġġudikaw it-tender u għalhekk staqsa jekk hemmx oġġezzjoni li jiġi diskuss fil-laqgħa minkejja li ma tniżżilx fuq l-aġenda. Il-kunsill qabel nem.com li t-tender jiġi diskuss minkejja li ma kienx fuq l-aġenda biex ma jintilifx xhar għal xejn.

Sal-ħin l-għeluq tad-data stipulata daħlu 4 offerti, fejn kumpanija minhom ġiet skwalifikata għar-raġuni li ma kinietx financially compliant. Il-Bord irrakomanda li l-offerta tingħata lill-kumpanija 5H Ltd li kellha l-irħas offerta b'valur ta'€36,653.35.

Il-kunsill approva nem.con dak irrakomandat bil-mozzjoni titressaq mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Alfred Bray.

**75.7 Zebra Crossing - Triq Qawra qrib il-Kappella ta' San Ġużepp**

31 ta' Awwissu 2023, TM infurmat li ż-Zebra Crossing m'hiex aċċessibbli u sigura u li ma nġibux il-permessi neċessarji meta saret snin ilu. Għalhekk, iddaħħlet applikazzjoni ġdida fejn saret rikjesta biex iz-Zebra Crossing titressaq għal quddiem l-appartamenti Carolina. Dan kaġun li jinħoloq ostakolu għall-vetturi li jużaw il-garaxx tal-binja "St Mark" fl-eventwalita li l-bankina tiġi estiża u jitwaħħal arblu għad-dawl kif meħtieġ.

**75.8 Kariga Supervisor – skala 16**

Il-kunsill approva nem.con li mill-20 ta' Frar 2024 is-Supervisor jingħata rimunerazzjoni addizzjonali ta' €2,400 fis-sena biex jagħmlu tajjeb għal estenzjoni sinifikanti fl-irwol tiegħu dik li jissorvelja ukoll il-proġetti. Dan fid-dawl li l-Projects Manager ma baqax joffri s-servizzi tiegħu.

Il-kunsill approva ukoll, li s-Supervisor jitla għal skala 15 wara ħames (5) snin servizz fil-grad sittax (16), mid-data tal-bidu ta' l-impjieg tiegħu.

**75.9 Extended Remote Working Hours**

Il-kunsill approva nem.con li jkun is-Segretarju Eżekuttiv li jiddeċiedi dwar ir-rikjesti mressqa minn 3 ħaddiema klerikali. Dan jagħmlu fid-dawl li għal min hu eleġibbli li japplika għal extended remote working hours kif ukoll skond l-esiġenza ta' ħidmet il-kunsill.

### 75.10 Laqgħa Annwali

Il-Kunsill approva li l-laqgħa annwali tinżamm il-Ħamis 11 ta' April 2024 fil-18.30 hrs.

### 75.11 Proposta Swimming Zones

Is-Sindku Alfred Grima poġġa fuq il-mejda tal-kunsill żewġ site plans ta' l-inħawi tal-Menqa San Pawl u l-akkwati ta' Buġibba Battery. Ippropona biex il-kunsill japplika b'mod formali biex iż-żoni ndikati jiġu dikjarati għall-għawm u b'hekk jiġu ppreservati. Il-Kunsillier Stephen Cremona iddikjara konflit ta' interess peress li għandu n-negozju tiegħu fl-akkwati. Il-kunsill approva nem.con dak ippproponut.

### 75.12 Affarijiet Oħra

***74.13.1*** **PA/00865/24** *Triq l-Imgiebaħ c/w Triq il-Maqdes Megalitiku c/w Triq Katerina Vitale, Triq Gdida c/w, Triq Piscopo Macedonia, Triq Gdida Fi, Xemxija*

*Proposed to excavate part of the site on Triq-il Maqdes Megalitiku. Proposed mixed use development comprising of residential apartments, car parking area, minor retail class 4b, class 4d food and drink establishments including intense landscaping and play areas.*

Is-Sindku Alfred Grima 'nforma li nhar l-Erbgħa 14 ta' Frar 2024, il-kunsill daħħal rappreżentazzjoni. Stieden lill-kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PA/00865/24,

Wara li ġie 'kkunsidrat il-fatt:

Illi, is-sit li dwaru saret applikazzjoni **PA/00865/24** għall-iżvilupp fix-Xemxija hija żona meqjusa ta' importanza arkeoloġika kbira u li l-art inkwistjoni hi xagħri u protetta;

Illi, il-fatt li l-binja proponuta hija torri ta' 13 il-sular għoli li jikkonsisti f'285 appartament u diversi ħwienet kummerċjali oħra, se jkompli jigrava bil-kbir is-sitwazzjoni diġa' mwegħra tat-traffiku fiż-żona tar-*roundabout* tax-Xemxija, kemm il-darba l-applikazzjoni tiġi approvata;

Illi, fid-dawl tal-fatt li sa issa ma hemmx xejn ippjanar għall-spazju miftuħ fix-Xemxija u peress li l-art kollha hija tal-privat u li ż-żona nkwistjoni meqjusa ta' importanza arkeoloġika kbira, il-Kunsill ħeġġeġ lill-Gvern Ċentrali jikkunsidra, biex l-art u/jew parti minnha tiġi mixtrija minnu għall-benefiċċju komuni u fl-interess ta' mijiet ta' familji u residenti.

Il-kunsill approva *nem.con* bil-mozzjoni tiġi ssekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.

### 75.12.2 Active Ageing Unit - Servizz ta' School Grannies

Il-kunsill enfasizza, li ma huwiex kontra l-inizjattiva per se. Madankollu, huwa xettiku ferm li jiffirma MOU li għada pitgħada jaf joħloq riperkussjonijiet legali fil-konfront tal-kunsill f'każ ta' inċident.

Il-kunsill lest li jesplora modi oħra ta' koperazzjoni sabiex il-ħiliet u/jew l-esperjenzi ta' l-anzjani jiġu utiliżżati għal benefiċċju tagħhom u fl-interess tal-komunita'.

### 75.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż

*75.11.01* ***Xiri ta' Bankijiet***

Il-kunsill approva li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet massimu ta' għaxar t'elef euro għax-xiri ta' 50 bank fejn persuna toqgħod bil-qeda. Dan biex jieħdu post oħrajn eżistenti li huma fi stat perikoluż max-xatt ta' Buġibba u Qawra. Dan l-investiment se jsir b'kolloborazzjoni mall-Ministeru tat-Turiżmu.

*75.11.02* ***Jum il-Mara***

Is-Sindku Alfred Grima ssekondat mill-Kunsillier Mary Borġ ippropona li jinxtraw 160 pjanta għal anzjani li jattendu d-day centre. Total ta' lis-spiża sa massimu ta' €1,000.

Il-kunsill approva nem.con.

75.11.03 ***Ħarġa għal anzjani***

Is-Sindku Alfred Grima ssekondat mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina ippropona li l-kunsill jissussidja €5.00 mill-prezz li jammonta għal €9.50 tal-ħarġa għal anzjani b'ID fuq il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar li se tinżamm f'April 2024 u li l-kunsill jagħmel tajjeb ukoll għat-trasport. Il-kunsill approva nem.con.

75.11.04 ***Memento***

Il-kunsill approva baġit ta' €3,000 għax-xiri ta' mementoes.

**75.15 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti Nru 2**

Pagament **186** - €6,650.20 re-proġett ta' triq Cassarino, il-kunsill qabel li b'mod temporanju għadu jinżamm u jħalli fid-diskrezzjoni tas-Seg. Eżekuttiv meta għandu jitħallas.

Pagament **191** - €818.58 re-kera sit Triq it-Trunċiera Awtorita ta' l-Artijiet, il-kunsill approva li jinżammu sa kemm tasal risposta re-sussidju.

Pagament **204** - €55,926.73 re-ġbir ta' skart mir-Regjun Tramuntana, il-kunsill qabel li jinżammu l-pagamenti kollha relatati sakemm tinstab soluzzjoni dwar;

1. Li l-allokazzjoni ma tirriflettix l-ammont reali li l-kunsill qed jiġi mitlub iħallas.
2. Li kaġun ta' figuri skorretti fl-ammont ta' persuni li jgħixu fil-lokalita, l-kunsill ta' San Pawl il-Baħar qed jispiċċa jerfa piż finanzjaru sostanzjali ntortament.
3. Li minħabba nuqqas serju ta' infurzar ta' liġijiet ambjentali, il-kunsill ta' San Pawl il-Baħar qed jispiċċa jerfa piż finanzjaru sostanzjali ntortament.
4. Li kaġun ta' żieda eżorbitanti fit-tariffi marbuta ma rimi ta' skart imħallat u n-nuqqassijiet indikati aktar il-fuq.

Pagament **213** - €10,290.78 Veladrians il-kunsill qabel li b'mod temporanju għadu jinżamm u jħalli fid-diskrezzjoni tas-Seg. Eżekuttiv meta u kemm għandu jitħallas.

Il-Kunsilliera Alfred Bray u Antoinette Bezzina ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill. Il-kunsill approva nem.con.

**75.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.05 hrs u aġġornata għall-Erbgħa 27 ta'Marzu 2024 fil-17.30 hrs.

**Approvati fit-27 ta' Marzu, 2024**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |